MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Talba Numru. 75/2009

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**vs**

**Adrian Grech**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' erba` mija u hames ewro u wiehed u hamsin ewro centezmi (€405.51) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skont Client Contract Number 360685 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjez, inkluz ta` l-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru, 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dana l-Att, u bl-imghaxijiet sad-data tal- pagament

effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem dan it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat Kapitolu fl-24 ta' Marzu, 2009 mill-Prokuratur Legali Peter Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------